# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 595.37

## ORDNI LI JWAQQAF L-AĠENZIJA LI TOFFRI SAPPORT LILL-VITTMI

3 ta' Novembru, 2020

*L-AVVIŻ LEGALI 418 tal-2020, kif emendat bl-Avviż Legali 418 tal-2021.*

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi. Titolu.

**2.** F'dan l-ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra: Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika; Kap. 595.

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija stabbilita permezz ta' dan l-ordni;

"Bord" tfisser il-Bord kif stabbilt bl-artikolu 10;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser il-Ftehim kif provdut fl-artikolu 6;

"liġi dwar il-protezzjoni tad-data" tfisser l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data* u kull leġiżlazzjoni oħra stabbilita taħtha u r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il- moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, kif fis-seħħ minn żmien għal żmien; Kap. 586.

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-intern;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Intern; u

"utenti tas-servizz" tfisser vittmi tal-kriminalità, il-familji tagħhom, persuni viċin tagħhom u xiehda.

**3.** (1) Għandu jkun hemm Aġenzija, li għandha tkun magħrufa bħala "Aġenzija li toffri Sapport lill-Vittmi" li għandha twettaq il-funzjonijiet imsemmija fl-artikolu 4. Twaqqif tal-Aġenzija.

(2) L-impjegati ta' din l-Aġenzija għandhom ikunu maħtura mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu approvati mill-Ministru u għandhom jinkludu:

(a) uffiċjali pubbliċi;

(b) membri ta' u persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif ukoll ta'

kull korp dixxiplinat ieħor tal-Istat;

(ċ) membri ta' u persuni oħra impjegati jew maħtura fi jew għall-għanijiet tad-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole*.

(3) L-Aġenzija tista' wkoll timpjega uffiċjali u impjegati oħra. It-termini u kondizzjonijiet tal-impjieg għandhom jiġu stabbiliti mill-Aġenzija bi ftehim mal-Ministru skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

Kap. 595.

(4) L-Aġenzija għandha taħtar u timpjega, b'dak il-ħlas u skont dawk it-termini u kondizzjonijiet li tista' skont is-subartikolu (1) tiddetermina, dawk l-uffiċjali u l-impjegati tal-Aġenzija kif jista' jkun meħtieġ għar-rilaxx dovut u effiċjenti tal-funzjoni tal-Aġenzija b'konformità mal-proċeduri stabbiliti tal-Gvern:

Iżda l-impjegati kollha li għandhom kuntratt ta' impjieg fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni għandhom jiġu impjegati mill-Aġenzija skont l-artikolu 38 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u jsiru impjegati tal-Aġenzija.

Kap. 452.

(5) Uffiċjali pubbliċi assenjata mal-Aġenzija għandhom jitqiesu li huma assenjati mal-Aġenzija skont l-artikolu 43 tal-Att.

(6) L-Aġenzija għandha, sa mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-ordni, tassumi responsabbilità għall-assi, responsabbiltajiet u obbligi oħra li kien daħal għalihom il-*Hate Crime and Speech Unit*.

Funzjonijiet tal-Aġenzja.

**4.** L-Aġenzja għandu jkollha l-funzjonijiet u d-dmirijiet li ġejjin:

(a) tiżgura li s-servizzi huma mmexxija, ġestiti u pprovduti skont it-termini tal-istandards eżistenti u approvati minn żmien għal żmien;

(b) isservi bħala punt ta' riferiment għall-vittmi tal-kriminalità, billi tikkoordina u tiffaċilita l-aċċessibilita' tas-servizzi kollha offruti;

(ċ) twettaq evalwazzjonijiet individwali ta' kull vittma sabiex tiżgura li qegħdin jingħataw l-aħjar sapport fil-ħin opportun u b'mod effiċjenti;

(d) tagħmel monitoraġġ minn żmien għal żmien dwar il-progress tal-vittmi li jkunu qegħdin jagħmlu użu mis-servizzi tal-Aġenzija;

(e) tidħol fi ftehim ma' aġenziji oħra, kemm governattivi kif ukoll dawk li ma humiex sabiex tiżgura l-aħjar servizz għall-vittmi tal-kriminalità;

(f) tirreferi l-vittmi għall-servizzi speċjalizzati oħra offruti minn entitajiet differenti, kemm dawk governattivi kif ukoll dawk li ma humiex;

(g) tipprovdi lill-vittmi b'informazzjoni dwar id-drittijiet tagħhom, inkluż pariri legali;

(h) tipprovdi s-sapport u l-assistenza neċessarja lill-vittmi, li tinkludi;

(i) informazzjoni u *follow-up* fuq il-każijiet tagħhom,

(ii) l-opportunità li jħejju *Victim Personal Statement* sabiex jesprimu ruħhom ta' kif affettwahom ir-reat,

(iii) gwida ta' x'għandhom jistennew mill-Qorti,

(iv) jakkumpanjaw vittmi l-Qorti, u

(v) informazzjoni dwar ir-rilaxx ta' aggressuri mill-ħabs;

(i) tħejji rapporti u żżomm statistika tan-numru ta' vittmi li jkunu qegħdin jagħmlu użu u jibbenifikaw mis-servizzi ta' sapport offruti lill-vittmi;

(j) tagħmel monitoraġġ ta' u tiddokumenta żviluppi legali u tal-aħjar prattiċi, kemm dawk lokali kif ukoll internazzjonali;

(k) tqajjem għarfien u titkellem favur id-drittijiet tal-vittmi biex tħeġġeġ vittmi oħra jirrapurtaw u jibbenifikaw mis-sapport;

(l) tilħaq vittmi sabiex tgħinhom iħossuhom siguri, jipproċessaw l-esperjenza trawmatika tagħhom u jerġgħu jibnu mill-ġdid il-kwalità tal-ħajja tagħhom li kellhom qabel;

(m) tippromwovi ħidma multidixxiplinarja u bejn diversi aġenzjiji fl-interess ħolistiku tal-vittmi, filwaqt li tiżgura l-kontinwità tas-servizzi; u

(n) twettaq xogħol ieħor pertinenti li jiġi identifikat mill-Aġenzija.

*Miżjud: A.L. 418 tal-2021.*

L.S. 260.03.

**4A.** L-Aġenzija għandu jkollha s-setgħa li tikseb informazzjoni dwar id-data tar-rilaxx ta' persuni kkundannati, *leave* mill-ħabs kif provdut fir-regolament 61 tar-Regolamenti dwar il-Ħabs, kwalunkwe assenza mill-ħabs ta' persuni soġġetti għall-priġunerija qabel is-sentenza, u kwalunkwe assenza oħra mill-ħabs tal-persuni

kkonċernati. Din l-informazzjoni għandha tinkiseb mill-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi u tista' tiġi trasmessa lill-vittma jew lil potenzjalment vittma, sakemm tkun direttament rilevanti għal dik il-persuna.

*Miżjud: A.L. 418 tal-2021.*

**4B.** L-Aġenzija għandu jkollha ukoll is-setgħa li titlob u tirċievi informazzjoni neċessarja mingħand il-Korp tal-Pulizija ta' Malta sabiex ikunu identifikati vittmi jew potenzjalment vittmi, li huma direttament jew indirettament affettwati mir-reat.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 601.

**5.** L-Aġenzija għandha tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi kemm-il darba ma jkunx awtorizzat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija.

Operat tal-Aġenzja.

**6.** L-operat tal-Aġenzija għandu jitwettaq skont il-Ftehim tal-Aġenzija li ghandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija li toffri sapport lill-Vittmi.

Kap Eżekuttiv.

**7.** (1) L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn Uffiċjal Kap Eżekuttiv maħtur mill-Ministru, li jkollu r-responsabbiltà għat-tmexxija tal-Aġenzija u jwettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha kif stipulat f'dan l-ordni.

(2) L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv għandu jirrapporta b'mod regolari lill-Ministru dwar il-ħidma kontinwa tal-Aġenzija u materji relatati.

Rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija.

**8.** Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Aġenzija għandhatkun vestita fl-Uffiċjal Kap Eżekuttiv jew fi kwalunkwe uffiċjal ieħor tal-Aġenzija maħtur minn żmien għal żmien mill-Ministru għal dan l-iskop.

Protezzjoni tad-*data*.

**9.** (1) Xejn f'dan l-ordni ma għandu jippreġudika id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli.

(2) Kull proċessar ta' *data* personali mill-Aġenzija relatat mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha, inkluż kull komunikazzjoni jew trasferiment ta' *data* personali lill-aġenziji governattivi oħra, dipartimenti u għaqdiet mhux governattivi għandha tkun proċessata strettament għall-fini tal-forniment tas-servizz volontarju għall-utenti tas-servizz.

(3) Il-kontrollur għandu jżomm id-*data* personali tal-utent tas-servizz għal perjodu li ma jeċċedix sentejn (2) mid-data meta s-servizz ikun ġie mitmum.

L.S. 586.08.

(4) Għall-fini tal-artikolu 3(2), kull *data* personali relatata mal-utenti tas-servizz, miżmuma mill-Korp tal-Pulizija, proċessata skontid-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tad-*Data* (Ipproċessar ta' *Data* Personali minn Awtoritajiet Kompetenti għall-Finijiet tal-Prevenzjoni, l-Investigazzjoni, is-Sejbien jew il-Prosekuzzjoni ta' Reati Kriminali jew l-Eżekuzzjoni ta' Pieni

Kriminali) għandha tkun aċċessata biss u strettament mill-uffiċjali tal-pulizija inkarigati sabiex jevalwaw ir-riskji u miżuri ta' mitigazzjoni li jistgħu ikunu meħtieġa fir-rigward tal-forniment tas-servizz offrut mill-Aġenzija.

**10.** (1) L-Aġenzija għandha tkun immexxija minn Bord tal-Gvernaturi tal-Aġenzija li għandu jiġi maħtur mill-Ministru.

Bord tal-Gvernaturi.

(2) Il-Bord għandu jistabbilixxi l-politika li għandha ssegwi l-Aġenzija. Fit-tfassil ta' din il-politika, il-Bord għandu jsegwi l-linji gwida ta' politika li jista' jingħata mill-Ministru.

(3) Il-Bord għandu jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

(a) *Chairperson* maħtur mill-Ministru;

(b) mhux inqas minn erbgħa (4) iżda mhux iżjed minn sitt (6) Gvernaturi oħra maħtura mill-Ministru minn fost persuni li jkunu ġejjin minn sfond ta' ħidma fi professjonijiet soċjali, legali u fil-pulizija;

(4) Iċ-*Chairperson* u l-membri l-oħra tal-Bord għandhom jinħatru għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet (3) snin, kif jista' jiġi speċifikat fl-istrument tal-ħatra. Iżda l-persuni hekk maħtura jistgħu jerġgħu jiġu maħtura meta jispiċċa l-perjodu tal-kariga tagħhom.

(5) Il-Ministru jista' jinnomina wieħed mill-membri l-oħra tal-Bord bħala Viċi *Chairperson*, u l-membru hekk nominat ikollu kull setgħa u jwettaq il-funzjonijiet kollha taċ-*Chairperson* matul in-nuqqas jew inabilità tiegħu li jagħmilha ta' *Chairperson* jew filwaqt li ċ-*Chairperson* ikun qiegħed vaganza jew matul xi vakanza fil-kariga ta' *Chairperson*.

(6) Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar *Chairperson* jew bħala membru tal-Bord tal-Gvernaturi, jew ta' xi organu ieħor tal-Aġenzija, jew li jkollha xi kariga oħra fl-Aġenzija jekk hija:

(a) ministru, segretarju parlamentari jew membru tal-Kamra ;

(b) imħallef jew maġistrat tal-Qrati tal-Ġustizzja;

(ċ) tkun legalment inkapaċitata jew interdetta;

(d) tkun instabet ħatja ta' xi reat punibbli bi priġunerija għal perjodu ta' sitt (6) xhur jew iżjed; jew

(e) ma hijiex b'mod ieħor persuna adatta u xierqa biex tokkupa dik il-kariga.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, il-kariga ta' membru tal-Bord issir vakanti:

(a) meta jiskadi l-perjodu tal-kariga;

(b) jekk jirriżenja;

(ċ) jekk ikun hemm ċirkostanzi li jiskwalifikaw lil dak il-membru milli jibqa' fil-kariga bħala membru tal-Bord; jew

(d) jekk titneħħa mill-kariga skont dan l-artikolu.

(8) Membru tal-Bord jista' jitneħħa mill-kariga jekk:

(a) fil-fehma tal-Ministru, dak il-membru ma jkunx idoneju biex jibqa' fil-kariga jew ma jkunx baqa' kapaċi li jaqdi dmirijietu sew bħala membru;

(b) l-imġiba jew il-prestazzjoni tal-membru tnissel dubju dwar kemm huwa jkun idoneju jew kapaċi li jibqa' membru, b'mod partikolari dwar imġiba li tkun tolqot jew tista' tolqot ir-reputazzjoni tiegħu;

(ċ) jekk il-membru jonqos milli jwettaq dmirijietu għal żmien twil mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida.